MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 642/2012/3

**Suzanne Busuttil, karta tal-identita` numru 19076(M) u Brian Busuttil, karta tal-identita` numru 525373(M) f`ismu proprju u bhala Direttur f`isem u in rapprezentanza ta` Stealth Holdings Limited, C26763**

***kontra***

**1) Francis Busuttil & Sons Limited, C334 ; 2) B&S Contractors Limited, C552 ; 3) Franco Busuttil ID11461(M) ; 4) Michael Busuttil ID51261(M) ; 5) Joseph Busuttil ID90968M ; 6) Christian Busuttil ID199278M ; u 7) Jean Paul Busuttil ID102172M, ilkoll fil-kwalita` taghhom kollha bhala diretturi f`isem Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited, hlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta` B&S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited u fil-kwalita` taghhom ta` azzjonisti ta` Francis Busuttil & Sons Limited u/jew B&S Contractors Limited hlief Jean Paul Busuttil li ma huwiex azzjonist fiz-zewg kumpaniji ; 8) Rebecca**

**Darmanin Kissaun ID 54472M, 9) Natasha Busuttil ID 317370M, 10) Paul Busuttil ID695058M, 11) Joanna Decesare ID 412357M, 12) Mary Ann Lanzon ID 555155M, 13) Roberta Pecci Busuttil ID 809060M, 14) Clarissa Pace ID 521963M, 15) T&L Holdings Limited C8054, 16) Maria Schaerrer Busuttil (Passaport Svizzeru 5115194), 17) Simone Pace Busuttil ID 192157M, 18) Sealex Holdings Co Ltd C14190, 19) Mavel Holdings Co Ltd C16864, 20) Antonia Busuttil ID 51231M, 21) Bag Investments Limited, C14189, 22) Yan Co Limited, C11586, 23) B.C. Investments Limited, C8063, 24) The Estate of the late Charles Busuttil, lkoll fil-kwalita` taghhom bhala azzjonisti ta` Francis Busuttil & Sons Limited u/jew B&S Contractors Limited ; u ghal kull interess li jista` jkollhom 25) Foster Clark Products Limited (C803) ; 26) Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C24137); 27) B&S Exports Limited (C16946) ; 28) B&S Manufacturing Limited (C16941) ; 29) Chris Degiorgio ID70456(M) bhala direttur ta` Foster Clark Products Limited u ta` Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Il-Qorti :**

Illi fil-25 ta` Lulju 2014, Suzanne Busuttil u Brian Busuttil pro et noe ("ir-rikorrenti")ipprezentaw rikors fejn, wara li ghamlu riferenza ghall-agenda ta` *extraordinary general meeting* tal-azzjonisti ta` B&S Contractors Limited, irrilevaw illi fil-laqgha kien propost il-*bejgh u trasferiment ta` l-operazzjonijiet tal-B&S Contractors Group (B&S), jigifieri l-operazzjonijiet kummercjali ta` B&S Manufacturing Limited u ta` B&S Exports Limited lil Foster Clark Products Limited (FCP) bazati fuq l-istima ippreparata mill-Udituri.*

Illi ghar-ragunijiet spjegati fir-rikors, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex *tipprojbixxi illi jsiru t-trasferimenti proposti* u *li fil-kaz li jkunu saru sa meta jigi dekretat finalment* ir-rikors *tannullah, thassru u tirrevokah.*

Illi b`digriet taghha tal-31 ta` Lulju 2014, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti u filwaqt illi tathom sebat ijiem zmien biex iwiegbu, irriservat li tkompli tipprovdi `l quddiem.

Illi fit-8 ta` Awissu 2014, l-intimati kollha pprezentaw risposta fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Illi fl-4 ta` Settembru 2014, il-Qorti tat digriet iehor fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2014.

Illi wara li semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri ghan-nom tal-assistiti taghhom, il-Qorti halliet ir-rikors ghal provvediment ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-item tal-agenda tal-*extraordinary general meeting* ta` B&S Contractors Limited, mertu tar-rikors, taqra **bil-preciz** hekk :-

*To consider and if deemed fit to approve the sale and transfer of* ***the business and the assets of the company*** *to the Francis Busuttil & Sons Limited Group, as set out in the PwC presentation which is being sent with this Agenda* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Illi fis-sostanza bit-talba taghhom kif dedotta, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex taghti *an interim order.*

Illi t-talba qeghda ssir fl-ambitu ta` l-procediment fl-ismijiet "*Suzanne Busuttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et" (Rikors Nru 642/12 JZM)* li - kif dikjarat mir-rikorrenti stess fl-ewwel paragrafu tar-rikors taghhom - huwa procediment skond l-Art 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi mhuwiex kontestat li r-rikorrenti huma "*membri*" tal-kumpannija B&S Contractors Limited.

Illi l-item kif jirrizulta fl-agenda huwa aktar generiku minn dak li huwa l-mertu tar-rikors odjern ; infatti huwa evidenti mir-rikors li dak li jinteressa lir-rikorrenti huwa specifikament li ma jsirx il-bejgh u trasferiment ta` l-operazzjonijiet ta` B&S Manufacturing Limited u ta` B&S Exports Limited lil Foster Clark Products Limited (FCP).

Illi mill-atti tal-kawza "*Suzanne Busuttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et" (Rikors Nru 642/12 JZM)* jirrizulta li B&S Contractors Limited ghandha 49,900 –il sehem ordinarju ta` B&S Manufacturing Limited, u ghandha 9,990 –il sehem ordinarju ta` B&S Exports Limited.

Illi bir-rikors odjern, mhuwiex in diskussjoni l-operat tal-kumpanniji fejn B&S Contractors Limited ghandha ishma, u cioe' B&S Manufacturing Limited u ta` B&S Exports Limited, izda l-operat ta` B&S Contractors *per se.*

Illi ghalhekk b`riferenza ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati huwa ghal kollox irrilevanti li r-rikorrenti mhumiex "*membri*" ta' B&S Manufacturing Limited u ta` B&S Exports Limited, u dan b`riferenza ghal dak deciz minn din il-Qorti fis-6 ta` Mejju 2013 fil-kawza Rikors Nru 642/2012 JZM li llum ghadda in gudikat.

**Ikkunsidrat :**

**Fil-kawza Rikors Nru 642/2012 JZM, il-gbir tal-provi dwar il-mertu ghadu mhux konkluz. Ghalhekk b`li sejra tghid illum, din il-Qorti la sejra tiddeciedi l-mertu tal-azzjoni ewlenija tentata mir-rikorrenti (ghax huwa prematur) u lanqas sejra tipprovdi b`mod li tinfluwenza mertu li ghadu mhux deciz.**

Bl-Art 402 tal-Kap 386, l-azzjonisti ta` kumpannija jitolbu harsien tad-drittijiet taghhom fejn huma ma jistax ikollhom kontroll ghax ikunu fil-minoranza u minhabba f`hekk jistghu jkunu soggetti ghar-rieda ta' dawk l-azzjonisti li jkunu fil-pussess tal-maggoranza tal-ishma. Din il-protezzjoni tapplika ghall-azzjonista kemm jekk ikun rapprezentat permezz ta' direttur u kemm jekk le. Li jkollu ishma f'kumpannija ma jaghtix dritt assolut lil azzjonista li jkollu rappresentanza fit-tmexxija ta` kumpannija. Il-protezzjoni gudizzjarja ta' l-azzjonista minoritarju hija fis-sens li min jikkontrolla l-ishma maggoritarji ma jikkommettix atti li jopprimu b`mod ingust u diskriminatorju lil min jippossjedi l-minoranza tal-ishma.

Dwar l-Art 402 tal-Kap 386, din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha tat-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**Monreal et vs Delia noe**" qalet hekk -

*Dawn il-provvedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonista ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonista, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpannija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonista li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew*

*ghall-interessi in generali tal-azzjonisti …*

Bl-applikazzjoni ta` dan l-insenjament, u ta` ohrajn simili, jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabilita`.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrileva li skond dak li hemm provdut fis-sub-artikolu (3) tal-Art 402, il-Qorti ghandha s-setgha li tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel hekk.

Fil-Ligi Ingliza (Art 459 tal-Companies Act 1985) jinstab rimedju simili maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta' l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kawza "**Saul D. Harrison & Sons plc**" ([1995]) 1BCLC il-linji ta' gwida dwar kif kellu jkun operat biex ikun jista' jitqies bhala, "*unfairly prejudicial*" (fit-test Malti tal-ligi taghna, din il-frazi hi tradotta "*b'mod mhux gust ta' pregudizzju*"). Fl-ewwel lok, wiehed irid jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpannija. Izda fl-applikazzjoni ta` din id-dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettativi legittimi ("*legitimate expectations*") li r-rikorrent jista' jkollu.

**Biex tigi ghall-kaz tal-lum, il-Qorti m`ghandhiex prova sodisfacjenti li turi illi dak li riedu jiksbu r-rikorrenti bir-rikors taghhom tal-25 ta` Lulju 2014 jippregudika l-istanza principali taghhom kif dedotta fir-Rikors Nru 642/2012 JZM. U ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta ghaliex mhijiex sodisfatta li l-item indikat fl-agenda de qua *prima facie* jippregudika l-interessi tar-rikorrenti ghad-differenza tal-interess ta` B&S Contractors Limited. Fl-istess waqt, il-Qorti trid taghmilha cara illi mhijiex behsiebha toqghod lura milli taghrbel u tintervjeni – fejn ikun hekk jirrikjedu l-fatti – meta atti tal-azzjonisti maggoritarji jkunu jehtiegu ndagni jew skrutinju aktar approfondit. Il-Qorti tfakkar lill-kontendenti kollha fil-procediment principali illi mhijiex sejra toqghod lura milli tistharreg u tipprovdi dwar l-imgieba tal-azzjonisti tal-maggoranza fis-socjetajiet fejn ir-rikorrenti huma azzjonisti, sabiex tassikura li sakemm l-istanza principali**

**bejn il-partijiet tigi deciza, din ma tkunx superata minn grajjiet a skapitu tal-gustizzja u l-ekwita`.**

**Illi ghalhekk propju ghaliex taf kif jahdmu s-socjetajiet kummercjali, il-Qorti mhi behsiebha taghmel xejn li jimpingi negattivament fuq id-*day-to-day bona fide operations* taghhom ; fl-istess waqt il-Qorti sejra taghmel kull sforz sabiex tissorvelja u tivvigila fuq id-diversi kumpanniji fejn ir-rikorrenti huma membri jew azzjonisti halli tassikura ruhha li hadd ma jittenta jaghti "gambetta" lil hadd ; ghaliex altrimenti jekk jirrizulta ppruvat li xi had ittenta jew ta l-ganbetta, ikollu jgorr il-konsegwenzi.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta, bir-riservi hekk kif espressi. L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar il-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------